**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2023**

**<u>Wara l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 44/2023</u>**

**<u>Rikors ta' Revoka nru ; 96/2023 AGV ;</u>**

**<u>Fl-ismijiet:</u>**

SS
v.
MS

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' MS imressaq *inter alia* ai termini tal-artikoli 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 20 ta' April 2023,**

**Jesponi bir-rispett ILLI:**

1. Dan huwa rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 44/2023 a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-1 ta' Marzu tas-sena 2023, is-sekwestranta SS talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 44/2023 fis-somma ta' €450,000 rappreżentanti "*manteniment dovut lilha mis-sekwestrat personalment u għat-tifla minuri kreditu parafernali u kreditu fil-konfront tal-komunjoni.*" Din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, kontra l-esponenti nhar it-2 ta' Marzu 2023.-Dok A.

3. Hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 836 *et seq* tal-Kapitoli 12, kif ukoll raġunijiet oħra fil-mertu u fil-liġi sabiex dan il-mandat jiġi revokat, u dan kif se jiġi spjegat hawn isfel.

Ir-Raġunijiet għar-Revoka

4. **Fl-ewwel lok,** jirriżulta ċar f'din l-istanza illi t-talba ta' SS ma hix *prima facie* ġustifikata. Mal-mandat odjern, is-sekwestranta naqset milli tannetti imqar prospett ta' kif waslet għas-somma grandjuża ta' €450,000, u għalhekk anqas biss sar tentattiv da parti tagħha sabiex tassisti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħmel l-eżami uniku li huwa dak tal-*prima facie*.

5. **Fit-tieni lok,** Is-sekwestranta naqset ukoll milli tiddikjara lli ż-żwieġ tal-partijiet huwa regolat bir-reġim tas- separazzjoni tal-beni u ghalhekk bil-ġurament tagħha xorta waħda għoġobha tiddikjara lli hemm xi forma ta' kreditu fil-konfront tal-komunjoni. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament minn Svetlana Sammut, is-sekwestranta, minkejja li **<u>komunjoni bejn il-partijiet m'hemmx</u>**. Svetlana Sammut, għalhekk, ħadet ġurament falz.

6. Fiċ-ċirkostanzi odjerni għalhekk ma teżistix biża' reali illi l-esponenti se jiddisponi minn ebda assi ta' SS li jappartjenu lilha mill-kommunjoni tal-akkwisti, u dan stante li l-kommunjoni tal-akkwisti sempliċiment ma teżistix bejn il-partijiet, billi ż-żwieġ tal-kontendenti jinsab regolat bir-reġim tas-separazzjoni tal-beni, u dan sa mit-23 ta' Settembru tas-sena 2016, kif jirriżulta mill-att hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. B'.**

7. Il-partijiet, li flimkien għandhom tifla minuri *ossia* Sveya Sammut, preżentement għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Il-medjazzjoni formanti parti mill-proċeduri hawn fuq imsemmija (bin-numru ta' riferenza **[NUMRU]**) ingħalqet fit-2 ta' Marzu tas-sena 2023..

8. Is-sekwestrat jirrileva wkoll lli m'hemm l-ebda manteniment dovut minnu lil SS, u dan huwa evidenti anke fuq livell *prima facie*, minkejja li għażlet li tiżgwida lil din L-Onorabbli Qorti meta naqset milli tiddikjara illi hija kienet intavolat talba għal manteniment favuriha tramite rikors ippreżentat nhar it-13 ta' Ġunju tas-sena 2022 fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet. **Tali talba kienet ġiet miċħuda mill-Onorabbli Qorti**, u għalhekk ma jeżisti ebda jedd *prima facie* a favur tagħha għall-ħlas ta' manteniment.

Kopja legali tad-Digriet datat it-13 ta' Lulju tas-sena 2022 tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. C'**.

9. Inoltre, l-manteniment dovut lill-minuri SV S fl-ammont ta' **€350** fix-xahar li jinkludi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, huwa regolat bl-istess Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat it-13 ta' Lulju tas-sena 2022, (*vide* 'Dok. C' indikat fil-paragrafu numru 8). Id-Digriet odjern qiegħed jiġi osservat mis-sekwestrat fl-intier tiegħu, kif jirriżulta mill-*bank statements* hawn annessi u mmarkati bħala **'Dok. D'**, u għaldaqstant ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ il-mandat kawtelatorju fil-konfront tas-sekwestrat billi ma hemmx biża reali li dan ma jitħallasx.

**L-Element tal-*Prima Facie***

10. Rigward l-element ta' *prima facie*, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili[1] tirreferi għall-proċeduri fl-ismijiet **<u>DOM Communications Ltd v. Office Group Ltd</u>** deċiżi mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April tas-sena 2015: "*...il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*"

11. Dan qalitu l-Onorabbli Qorti wkoll fil-kawża fl-ismijiet **<u>Camilleri v. Gové et</u>**, deċiża fl-10 ta' Mejju tas-sena 2001, b'dan il-kliem: *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami*

---

[1] Fl-ismijiet <u>L-Avukat Ryan Falzon bħala mandatarju speċjali ta' Cantieri Edili SRL v. Grixti Properties Limited</u>, deċiża fis-6 ta' Marzu tas-sena 2023 (Rikors Nru. 1197/2022 FDP).

*li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

12. Joħroġ manifestament illi s-sekwestranta talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 44/2023 b'mod abbużiv, frivolu u vessatorju bi ksur tal-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f), u għalhekk għandu jiġi rrevokat *in toto*. Oltre minn hekk, hija ħadet ġurament falz meta ddikjarat illi għandha pretensjoni ta' xi kreditu fil-konfront tal-komunjoni, meta l-komunjoni anqas ma hi eżistenti bejn il-partijiet (*vide* 'Dok. B').

13. Rigward il-punt su riferit, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fis-sentenza tagħha datata 21 ta' Marzu tas-sena 2017 fl-ismijiet **Mansueta *sive* Nancy Farrugia v. Franco Farrugia**, tipproduċi estratt mis-sentenza ta-Qorti tal-Kummerċ tas-26 ta' Mejju tas-sena 1995, fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe v. Caruana Curran noe et**: "*Il-jedd prima facie jrid ikun jedd, anke jekk prima facie biex jimmerita ħarsien. Illi mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib" (Ara Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et – Qorti tal-Kummerċ – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378).*

14. Dwar il-penali, ingħad fil-kawża Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut (Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiż fil-5 ta' Gunju, 2003) illi din "*hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju* ***u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż...***" Kompliet il-Qorti f'Paul Attard noe vs Loreto Abela illi: "*Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha*

*ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun".* Huwa proprju dan l-ilment tal-esponenti; illi ċ-ċirkostanzi odjerni kif spjegat fid-dettal aktar 'l fuq ma jħallu l-ebda dubju għall-intenzjonijiet wara t-talba għall-ħruġ tal-mandat.

15. Għall-istess raġunijiet, l-esponenti jiegħed jinvoka ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. In vista ta' dak suespost, hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jitneħħa, ossia jiġi revokat, il-mandat ta' sekwestru odjern abbażi tal-artikolu 836 (1) (d) u (f).

**Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob illi prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:**

1. **Tħassar u tirrevoka** l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 44/2023 FDP fl-ismijiet SS v. MS a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jew liema minnhom;

2. **Tikkundanna** lis-sekwestranta tħallas penali lis-sekwestrat ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha opportuni u neċessarji li dina l-Onorabbli Qorti tidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

3. **Tillikwida d-danni** sofferti mill-esponenti inkluż fosthom l-ispejjeż inkorsi in vista taċ-ċedoli ta' depożitu mressqa in osservanza tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-sekwestranta SS sabiex tħallas lill-esponenti dawk id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) (d) u 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Sussidjarjament tordna lis-sekwestranta sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, **garanzija** xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.

**Bl-ispejjeż kontra s- sekwestranta.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-risposta ta' Svetlana Sammut datata 8 ta' Mejju 2023,**

Illi talba ta' MS ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju 44 /2023 ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess u ghal ragunijiet moghtija fil-Ligi kif ukoll ghal dawk li sejrin jigu esposti aktar ' l isfel .

Illi rikors ghar-revoka ta' mandat sar ai trmini tal-artikoli 836 (1) (d) u 9 F, tal-Kap 12 tal- ligjiet ta' Malta.

Illi l-kontedenti kienu zzewwgu fis-6 ta' Gunju 2010 u f' Settembru tas-sena 2016 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni in atti tan-Nutra Dr. Maria Micallef.

Illi r-rikorrent qieghed jibbaza talba tar-revoka, principalment fuq il-fatt li s-sena 2016 il-partijiet kienu iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni u per kosnsegwenza, l-esponenti ma ghandha xejn x 'tikkawtela.

Illi r-rikorrenti huwa direttur tas-socjeta' Summit Importers and Distributors Limited, liema socjeta' topera fil-qasam tal- kostruzzjoni u bejgh ta' propjeta' immobbli u liema socjeta' skont l-istess kuntratt ta' seperazzjoni tal-beni , il-partijiet qablu li ghandha tibqa' tappartjeni lilhom f' isthma indaqs;

Illi l-esponenti SS ghadha azzjoniista fis-socjeta' Summit Importers and Distorbutors Limited, pero' tali socjeta minn dejjem kienet gestita mir-rikorrenti wahdu, kif del resto ghandu jsir sal-lum.

Illi dwar it-talba ghar-revoka fir-rikors ta' hawnhekk, jibda' biex jinghad li minn qari tar-rikors odjern, wiehed facilment jista jasal biex jifhem li dil-Onorabbli Qorti, qieghda tigi mitluba minn MS , biex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru li sar kontrih, sempliciment ghaliex qieghed isibu ta' inkovenjoent, - daqs li kieku l-esponenti ghamlet it-talba ghal xejn b' xejn u mhux ghax ma jissodisfax il-grad ta' prima facie rikjest mil-Ligi.

Illi ghandu jinghad li dana qed isir qed isir fi stadju meta l-kawza lanqas biss ghadha bdiet, fi stadju fejn lanqas insemghet prova wahda.

B' dar-rikors, Matthew Sammut stiden lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l – mandat ta' sekwestru ghax skontu max hu prima facie gistifikat , dan ghaliex ma pprezentatax prosett dettaljat tal-kakolu tal-mandat. Mill-bqaija Matthew Sammut bhal donnu qed jittenta jsib il-kenn taht l-awtorita' tal-Qorti u jhallliha ssib it-triq sabiex tasal ghal konkluzjoni minflok iwasslaha hu , kif wara kollox

jitlob l-istess artikolu citat minnu stes-s *( 836 (1)(d).. jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facia gusitifikat jew ikun ecessiv, jew ... )*

Illi l-esponenti ghandha kreditu parafernali dervianti mill- bejgh ta' dik li kienet id-dar matrimonjali , li nbiegehet wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni , apparti li l-partijiet zammew in komun bejniethom numru ta' kontijiet bankarji.

Illi hu importanti li jigi stbbilit, li f' rikors ta' dik x-xorta, l-istahhrig mehtieg fi procedura bhal dik hu marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att, li tieghu qieghed jintalab it-thassir, Il-Qorti ghandha tistarreg li reskwiziti mitluba mil-Ligi ghal hrug ta' mandat jidhru mil-att innifsu, u li dan ma nharigx b' mod abbuziv. ***( C and F Buliding Contractors Limited, vs Emanuel Farrugia- 545/2014 JRM,*** ) importanti li l-Qorti ziedet tghid, ***li Ligi ma titlob imkien li biex jista jinhareg mandat kawtelatroju r-rikorrenti jfissrer kif ikun mibni l-ammont minnu kawtelat*** – enfasi tal-esponenti.

Ifisser b'daqtsant li f' dil-vesti, il-Qorti tistax tiddeciedi min ghandu u min ma ghandux ragun ( dak taghmlu ma' tmien il-kawza) imma biss jekk kienx hemm elementi mitluba mil-igi, aktar ta' natura formali minn xejn - ghal hrug ta' mandat ***( Francis Spiteri et vs Charles Darmanin ) 571/2010 JRM***. Ifisser ukoll li l-esponenti ma kellha ebda obbligu li tipproduci prospett dettaljat mal-mandat in kwistjoni li l- kawza guramentata illi prezentata hija cara bizzejjed u tilhaq il-grad tal-prima facie, rikjest mil-ligi. Li kienu ma kienx hekk, il-mandat ma kienx jintlaqa b' mod provizorjament minn dil-Onorabbli Qorti.

Issa dal-ezercizzju , cioe li l-Qorti tezamina jekk il-mandat jissodisfa l-elementi mitluba mil-Ligi , ma hux sejjer isir ghal ewwel darba wara li gie intavolat ir-

rikors odjern. Anzi, dan hu ewwlel ezercizzju , li kull Qorti, taghmel meta tigi rinfacjata b' mandat kawtelatorju . Ir-raguni hi ghaliex l-ebda Qorti, mhi ser tilqa' jew tichad it-talba ghal hrug ta' mandat kawtelatorju , fl-ghama – elementi procedurali, dejjem iridu jigu sodisfatti biex mandat kawtelatorju jintlaqa. L-ebda mandat kawtelotorju ma jintlaqa' awtomatikament, bhal donnu qed jallega li gara MS

Allura, is-sitwazzjoni li ghandha quddiemah l-Qorti, hija cara ferm, Quddiemha il-Qorti ghadnha sekwestrata li ghamlet uzu mid-dritt taghha moghtija bil- Ligi li tikkawtela d-drittijiet taghha permezz ta' mandat ta' sekwestru Kawtelatorju , u ghandha sekwestrant li qed jipprova minn kollox sabiex inehhi dal-mandat li qed isibu ta' inkovenjent, anka jekk jezistu ghexieren ta' sentenzi tal-Qrati li dejjem jghidu li s-sekwestranti ma ghandu ebda obbligu li jipprezenta xi prospett mas-sekwestru kawtelatorju. Ghall-fini ta' kompletezza, l-esponenti tirreferi ghal digriet fl-ismijiet, **Karmena Callus et vs Dione Cassar et - 21 ta' April 2014, fejn intqal ;**

*Mkien ma huwa mitlub fil-ligi li l-krediti ezekutant ta' mandat kawtelatorja irid ta' bilfors iressaq xi dokumenti li juru jew isahhu t-talba. Dak li titlob il-ligi huwa li r-rikorrenti bil-gurament tieghu jsemmi x' inhu l-origini tad-dejn u la darba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatt bi hlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li ghalih tammonta t-talba' .*

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ghandu jkun evidenti li dil-Qorti illi l-htigijiet rikjesti mil-ligi ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwistjoni fil-fatt jezistu, tezisti gustifikazzjoni prima facie ghal hrug ta' mandat odjern u hu regenevoli li dan jinzamm fis-sehh . Wara kollox, hu principju mghasses mill-Qrati taghna li l-mandati kawtelatorji qeghdin hemm biex iiervu ta' tarka ghal min jippretendi li

ghandu dritt fuq haddiehor, din it-tarka, fil-fehma tal-esponenti m' ghandhiex tkun skartata facilament.

**Ghaldaqstant it-talbiet ta' MS fic-cirkostanzi, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.**

Rat id-dokumenti esebiti.
Semghet is-sottomossjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti rilevanti ghal dan ir-rikors huma s-segwenti.

L-intimata kienet talbet ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fis-somma ta' €450,000.00, rappresentanti manteniment ghaliha, manteniment ghall-minuri, kreditu parafernali, u kreditu fil-konfront tal-komunjoni. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk din it-talba kawtelatorja hijiex gustifikata o meno.

Il-partijiet huma mizzewgin, u fil-present ghaddejjin minn procedure ta' separazzjoni. Bejniethom hemm vigenti r-regim tas-separazzjoni tal-beni, permezz ta' kuntratt data 23 ta' Settembru, 2016, esebit in atti. Kienu nfethu proceduri ta' medjazzjoni bejniethom, fejn kien inghata digriet ta' manteniment *pendente lite* fl-ammont ta' €350 fix-xahar ghall-minuri, li jinkludi wkoll nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, liema digriet inghata fit-13 ta' Lulju, 2022.

Mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti, jidher li dan il-manteniment thallas regolarment tul dan iz-zmien. Jekk dan il-manteniment jibqa' jithallas sa ma l-minuri, li twieldet fit-2 ta' Awwissu 2011, taghlaq 23 sena, it-total ta' manteniment pagabbli ghal hdax-il sena ohra huwa €46,200.00, jigifieri ftit aktar minn ghaxra fil-mija (10%) tas-somma kawtelata bil-mandat.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti wera li, apparti li bejn il-partijiet hemm is-separazzjoni tal-beni, il-manteniment ghall-minuri huwa mhallas regolarment. Ma hemm ebda digriet ta' manteniment ghall-intimata, li ghal kuntrarju tar-rikorrenti, ma esebiet ebda dokumenti in sostenn tat-talbiet maghmula minnha fis-sekwestru. Mhux biss, izda fl-istess kuntratt illi jirregola s-separazzjoni tal-beni, klawsola numru 11 tipprovdi illi "Kull parti qieghda presenzjalment tiddikjara illi diga rceviet qabel illum l-oggetti kollha dotali u parafernali proprjeta' taghha a pjena sodisfazzjon taghha."

Ghalhekk, minn dan kollu jidher li l-manteniment li jista' jigi kkawtelat b'dan il-mandat huwa proprzjon zghir meta mqabbel mal-ammont shih. Il-kumplament tas-sorti jista' jkun biss kreditu fil-konfront tal-komunjoni. Fir-risposta taghha l-intimata taghmel riferenza ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, minghajr ma tispecifika x'inhu l-ammont jew il-bilanc pretiz minnha. Bl-istess mod, il-partijiet huma t-tnejn azzjonisti f'socjeta' kummercjali f'sehem indaqs bejniethom. Ma giex indikat mill-intimata x'valur qed tattribwixxi lil dawn l-ishma. Ladarba l-mandat qed jigi kontestat mir-rikorrenti, l-intimata kellha tindika l-pretensjonijiet taghha fuqhiex huma ibbazati. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma rrisultax.

Illi f'dan l-istadju, il-Qorti ghandha biss tara jekk hemmx ragunijiet *prima facie* biex tali ammont ikkawtelat bil-mandat huwiex gustifikat jew le. Il-mertu proprju ser ikun ezaminat fl-atti tal-kawza. Il-Qorti hi tal-fehma, ghalhekk, illi ladarba l-manteniment ghall-minuri qed jithallas regolarment, u hemm is-separazzjoni tal-

assi kif gia' deskritt, m,hemmx ragunijiet bizzejjed prima facie biex is-sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant ir-rikors ser jintlaqa', u l-mandat kawtelatorju ghandu jigi revokat.

Kwantu ghall-penali u danni, il-Qorti m'hix sejra timpani ebda penali jew danni kontra l-intimata. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri biss ser jigu a kariku taghha.

**DECIDE:**

Tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 44/2023 fl-ismijiet premessi.
Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba.

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimata.**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci – DEP Reg**